MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2004

Numru. 769/2001

Il-Pulizija
(Spettur David Saliba)
vs
Vincent Cilia

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Vincent Cilia, detentur tal-karta ta' l-identita Nru 480343M, li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli fl-14 ta' Lulju, 2001 u fix-xhur ta' qabel matul il-gurnata f'Malta, bhala ufficjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika, jew bhala impjegat tal-Gvern, jew mal-Gvern, sew jekk ikollu, kemm jekk ma jkollux jedd li jesigi flus jew hwejjeg ohra bhala salarju tad-dmirijiet tieghu jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, illi taht il-libsa tal-kariga tieghu jesigi dak li l-ligi ma tippermettix, jew izjed minn dak li tippermetti l-ligi jew qabel iz-zmien li jmiss skond il-ligi, ikkometta estorsjoni minghand il-kuntrattur Carmelo u Marco Bonnici;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi deciz minn din il-Qorti;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti, inkluz l-imputat minn jeddu u bil-gurament;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza;

Ikkunsidrat :

Illi l-imputat fuq imsemmi jinsab akkuzat talli bhala ufficjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika, jew bhala impjegat tal-Gvern taht il-libsa tal-kariga tieghu eziga dak li l-Ligi ma tippermettix, jew izjed minn dak li tippermetti l-Ligi, jew qabel iz-zmien li jmiss skond il-Ligi ikkommetta estorzjoni minghand il-kuntrattur Carmelo u Marco Bonnici, cioe' ir-reat ikkontemplat taht l-Artikolu 112 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ir-reat ikkontemplat taht l-Artikolu 113 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi fil-fatti fil-qosor huma s-segwenti : Fid-19 ta' Lulju 2001 is-Sur Andre Vassallo Grant, is-Segretarju Privat tal-Ministru Responsabbli mix-Xogholijiet Pubblici xtaq ikellem lill-pulizija sabiex jirrapporta lil xi hadd. Illi fil-fatt kien kellem lill-Ispettur David Saliba, akkumpanjat mill-Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo, u Vassallo Grant kien spjega lill-Kummissarju tal-Pulizija u l-Ispettur Saliba illi kien irceva rapport verbalment minghand il-kuntrattur Carmelo Bonnici, kif ukoll minghand ibnu Marco Bonnici, kuntratturi privati li jaghmlu xogholijiet mad-Dipartiment tax-Xogholijiet, illi irrappurtawlu illi impjegat tal-Ministeru ghall-Ambjent kien qieghed jitlob flus u affarijiet ta' vantaggi sabiex ikun jista jghaddilhom xi xogholijiet u kuntratti. L-Ispettur Saliba spjega li baghat ghal Marco Bonnici illi kien qallu li l-ahhar incident kien inqala s-Sibt 14 ta' Lulju, 2001, fejn skond hu Vince Cilia kien avvicina

lill-kuntrattur Bonnici u qalilhom li sabiex ikomplu jaghmlu x-xoghol li kienu qeghdin jaghmlu riedu jaghtuh xi haga tal-flus. In vista ta' dan ir-rapport il-pulizija baghtu ghall-imputat u l-imputat kien spjega illi kienu qeghdin isiru xi xogholijiet ta' natura urgenti fin-naha tal-Qawra fuq xi sistemi ta' drenagg u d-Dipartiment kellu bil-fors johrog direct order a favur ta' certu kuntratturi u dana minhabba l-urgenza tax-xoghol, fejn allura ghalhekk ma kellhiex tigi segwita l-procedura normali ta' tenders, imma x-xoghol kellu bil-fors jinhareg permezz ta' direct order, dejjem pero' wara li d-dipartiment ikollu l-approvazzjoni tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghall-Ambjent. Il-kuntrattur Bonnici kien qal lill-Ispettur Saliba illi hu ghalkemm kellu l-makkinarju biex jaghmel ix-xoghol, kif ukoll il-hegga u l-kapacita biex jaghmel ix-xoghol, id-direct orders in kwistjoni ma kienux jigu ghandu, izda skond hu l-imputat kien jiffavorixxi lil haddiehor u dana peress illi skond hu l-imputat kien qieghed jigi imxahham u l-kuntrattur Bonnici kien qal lill-Ispettur Saliba illi l-imputat kien qallu, fil-perjodu fejn kienu qeghdin isiru dawn ix-xogholijiet ta' emergenza il-Qawra, "Jekk ma tghaddilhiex xi flus m'inhiex ser niffavorik u m'inhiex ser nirrakkommandak biex tiehu direct orders."

Illi skond l-Ispettur Saliba it-tifel tal-kuntrattur Bonnici, Mario Bonnici, kien ikkollabora f'kollox il-verzjoni li kien tah missieru. Izid ighid ukoll illi kien hemm okkazzjonijiet precedenti fejn l-imputat kien ukoll talab illi jinghaddulu xi flus, jew affarijiet ohra, sabiex hu jaghtihom dawn it-tip ta' direct orders. L-Ispettur Saliba kien kellem ukoll lil certu Mark Mangion, Drainage Engineer mad-Dipartiment tax-Xogholijiet, illi kien spjegalu illi f'dik id-data partikolari kien hemm hsarat illi kellhom jissewwew urgentement peress illi l-bahar tan-naha tal-Qawra kien qieghed jigi kontaminat b'overflow ta' drenagg. Peress illi kien is-sajf u peress illi l-overflow kien qieghed jikkaguna tniggis fil-bahar u dan kien ta' perikolu ghas-sahha pubblika, minkejja illi l-kuntratt kien ser jiswa eluf kbar ta' liri, skond l-Ispettur Saliba, Mark Mangion kien qallu illi kien halla f'idejn l-imputat sabiex isib kuntrattur illi jaghmel dawn ix-xogholijiet ta' emergenza. Mark Mangion kien qal lill-Ispettur Saliba illi d-dipartiment kien ihalli f'idejn bniedem

ta’ esperjenza illi kien responsabbli f’xogholu u li kellu l-fiducja tad-dipartiment sabiex isib kuntrattur illi jkollu l-makkinarju biex ihaffer, jibni u jaghmel ix-xoghol kollu necessarju. L-Ispettur Saliba eventwalment baghat ukoll ghall-imputat illi irrilaxxalu stqarrija; liema stqarrija l-imputat kien ghazel illi ma jiffirmax. L-imputat fl-istqarrija tieghu, dwar dak illi kien gara u cioe’ dwar ix-xogholijiet urgenti li kellhom isiru fil-Qawra, mistoqsi jekk qattx talab xi flus lil xi kuntrattur privat, inkluz lill-kuntrattur Bonnici, l-imputat wiegeb fuqu innifsu illi huwa bniedem ta’ integrita u li ghandu l-fiducja tas-superjuri tieghu u illi ghandu wkoll il-fiducja tal-Ministeru, spjega li kien ilu jahdem dan ix-xoghol tlieta u tletin sena u cahad kategorikament illi qatt avvicina lil xi kuntrattur sabiex jghaddhielu xi flus, jew vantaggi ohrajn sabiex jinghata xogholijiet permezz ta’ direct order. Il-kuntrattur Bonnici baqa jinsisti illi ried jipprocedi bir-rapport tieghu minkejja ic-cahda tal-imputat u kien ghalhekk illi l-Ispettur Saliba ressaq lill-imputat u akkuzah bl-akkuzi dedotti fl-imputazzjoni.

Illi in kontro-ezami l-Ispettur Saliba qal illi l-imputat dejjem wiegbu b’mod konsistenti, kif ukoll b’mod onest. Dan jirrizulta a fol. 20 tal-process. Huwa xehed ukoll illi l-imputat qatt ma harab milli iwiegeb ghall-ebda domanda illi ggamillu u lanqas ma kien evasiv. L-Ispettur Saliba xehed ukoll in kontro-ezami illi meta jinqala xi xoghol urgenti irrizultalu mill-investigazzjoni illi huwa ghamel illi peress illi l-imputat kellu certa esperjenza il-Perit per se jkun qieghed jara x’jehtieg bhala xoghol, u l-Perit inkarigat mix-xoghol javvicina lill-imputat, jew nies bhalu li ghandhom l-esperjenza ta’ l-imputat u jistaqsu lill-imputat liema huma l-kuntratturi illi ghandhom il-personnel u l-makkinarju necessarju ghall-bicca xoghol li tkun u effettivament f’dan il-kaz hekk kien gara. Il-Perit f’dan il-kaz kien Mark Mangion. Dana proprjament mhuwiex Perit, izda Inginier fid-dipartiment. Xogholijiet bhal dawn jezigu wkoll mhux biss il-pariri teknici tal-Perit jew tal-Inginier, izda wkoll l-esperjenza tal-Ufficjali f’dak id-dipartiment, Ufficjali bhal l-imputat (fol. 23 tal-process). L-Ispettur Saliba in kontro-ezami kompla jixhed illi huwa ma indagax sabiex jara min kien illi effettivament hareg id-direct order f’dan il-kaz. Huwa irrestringa l-investigazzjoni

tieghu dwar l-allegazzjoni illi saret mill-kuntrattur Bonnici fil-konfront ta’ l-imputat.  L-Ispettur Saliba kompla jixhed illi xi tlett snin qabel dan l-incident kien inqala incident iehor bejn l-imputat u l-kuntrattur Bonnici fejn kienu qeghdin isiru xi xogholijiet mill-kuntrattur Bonnici l-Iklin u l-imputat kien gibidlu l-attenzjoni ghall-fatt illi x-xoghol ma kienx qieghed isir sew.  Il-Kuntrattur Bonnici kien allega mal-Ispettur Saliba illi f’dan l-okkazzjoni l-imputat kien talbu xi haga u l-kuntrattur Bonnici kien offrielu xi kaxxa whisky. Dejjem skond il-kuntrattur Bonnici l-imputat kien qallu “Jiena mhux whisky irrid imma flus”.  Skond l-Ispettur Saliba l-kuntrattur Bonnici kien qallu li din ma kienitx l-unika darba illi l-imputat kien talbu flus, imma kien hemm okkazzjonijiet ohrajn fejn l-imputat kien avvicinah u talbu flus u skond l-kuntrattur Bonnici kien hemm ukoll kuntratturi ohrajn illi kienu jaghtu xi flus b’xi mod jew iehor lill-imputat.  Izda l-kuntrattur Bonnici ma riedx jaghti aktar dettalji ghaliex deherlu illi jekk riedu kellhom jitkellmu huma, jigifieri dawn il-kuntratturi l-ohrajn.  Mistoqsi ghalfejn ma kienx tkellem qabel mal-pulizija, l-kuntrattur Bonnici kien qal lill-Ispettur Saliba illi hu ma kellux il-provi necessarji u lanqas it-taghrif.  Qallu wkoll illi dak iz-zmien kien ghadu bezghan.  Pero’ meta inghatat id-direct order tax-xogholijiet illi kienu qeghdin isiru l-Qawra telghulu u ghazel illi jirrapporta.  L-Ispettur Saliba kompla jixhed, dejjem in kontro-ezami, illi dwar xi xogholijiet illi kienu saru Hal-Lija, l-imputat kien qal lill-Ispettur Saliba illi Bonnici kien ghamel xi xoghol hazin u huwa kien waqqaf il-pagament tal-kuntrattur Bonnici sakemm Bonnici jirranga x-xoghol kif titlob is-sengha u l-arti.  Izda dwar dan ix-xoghol il-kuntrattur Bonnici ma kien qal xejn lill-Ispettur Saliba, izda qallu biss illi f’dan l-perjodu l-imputat kien talbu xi flus.  L-Ispettur Saliba xehed ukoll in kontro-ezami illi ma jiftakarx illi l-imputat qallu illi il-kuntrattur Bonnici kien mar l-ufficju tieghu u ghamillu l-hsara meta l-imputat kien waqqaflu l-pagamenti dwar dan ix-xoghol illi ma kienx sar skond is-sengha u l-arti.

Illi l-imputat sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni cahad l-allegazzjonijiet illi ghamel il-kuntrattur Bonnici fil-konfront tieghu u dwar ix-xoghol urgenti li kien sar fil-Qawra, meta inghatat id-direct order lill-kuntrattur iehor l-imputat fl-

istqarrija tieghu wiegeb billi xehed illi kien jaf li l-Hadd fil-fatt kienet ittiehdet decizjoni minn Mark Mangion mad-Direttur Generali sabiex Mark Mangion stess isib kuntrattur illi kellu jibda r-routing tal-main. Fil-fatt il-Hadd ma instab hadd u x-xoghol beda it-Tnejn. L-imputat qal ukoll illi t-Tnejn kmieni filghodu huwa kien fuq il-post tax-xoghol fis-sebgha u nofs ta' filghodu u l-kuntrattur kien diga hemm hekk. Il-Kuntrattur kien E & S Mifsud u l-imputat cahad illi qatt ghamel xi kuntatt ma dan il-kuntrattur sabiex jaghmel dan ix-xoghol. L-imputat kompla jghid fl-istqarrija tieghu illi peress illi x-xoghol ta' San Pawl kien mghaggel u urgenti huwa kull ma ghamel kien illi irrakkommanda lil Mark Mangion b'mod spontanju biex jingieb kuntrattur mill-qrib u cioe' lil Vella Group sabiex jikru JCB minghandu. Fil-fatt dan gab il-JCB, izda ma kienx tajjeb ghax-xoghol in kwistjoni.

Illi xehed il-kuntrattur Carmelo Bonnici dwar ix-xogholijiet ta' urgenza li kienu qeghdin isiru San Pawl il-Bahar. Huwa qal illi ibnu kien qallu illi l-imputat kien avvicinah u qallu illi jekk ma jaqlalux xi haga ix-xoghol hemm hekk ma kienux ser ikompluh. L-ghada cempillu l-inginier Mark Mangion u qallu li x-xoghol kien ser jinqala u isir mill-gdid u talbu sabiex igib trencher sabiex jibda ix-xoghol. Il-kuntrattur Bonnici xehed illi huwa qallu illi trencher ma kellux, izda kien jaghmel subcontracting, bhalma gieli ghamel. Qallu wkoll illi setgha jibda bil-gaffa. Izda skond Bonnici rega' cempillu Mangion u qallu "Dik il-bicca xoghol insiha ghaliex ser jaghmilha haddiehor." Il-kuntrattur Bonnici xehed ukoll illi Mark Mangion kien qallu illi dment illi l-imputat jibqa jigi fuq x-xoghol tieghu huwa ma kienx ser jiehu iktar xoghol u qallu "Lilek ma jridekx ghaliex huwa ghandu il-kuntrattur tieghu." Ix-xhud kompla jghid illi l-imputat kien talbu l-flus diversi drabi ohrajn u ghandu wkoll il-files tieghu mitlufa fid-dipartiment tax-Xogholijiet. Darba minnhom kien qieghed jaghmel xi xoghol is-Swatar u l-imputat kien avvicinah u kien talbu jaghtih il-flus. Huwa kien qallu "Issa ingiblek zewg flixken whiskey", izda l-imputat kien qallu "Jiena mhux whiskey irrid gibli xi hames mitt lira flus in kontanti" (a fol. 37 tal-process). Izda hu qal illi qatt ma tah flus lill-imputat. Huwa xehed illi minkejja illi dan gara xi tlett snin qabel huwa qatt ma kien

irrapporta lill-pulizija. Sussegwentement xehed illi darba biss kien talbu l-flus l-imputat u mhux diversi drabi u illi il-flus kien talabhom lill-ibnu u mhux lilu. Dwar ix-xoghol urgenti illi sar San Pawl il-Bahar huwa xehed illi dan inghata lil xi haddiehor u huwa ippretenda illi x-xoghol jaghmlu hu peress illi huwa kapaci jaghmlu, kellu l-ingenji fil-vicinanza u kien ukoll beda xi xoghol hemm hekk. Effettivament huwa ghamel xi xogholijiet hemm hekk izda xogholijiet ta’ emergenza u mhux ix-xoghol il-kbir tal-by pass ghaliex dan ix-xoghol beda it-Tnejn filghodu u ghamlu kuntrattur iehor. Bonnici kompla jixhed illi meta mar fuq il-lant tax-xoghol kien hemm impjegati tad-Dipartiment tal-Ambjent u meta mar sabiex ikellimhom qalulu biex jitlaq ‘l hemm u ma jkellimhomx ghaliex kellhom ordni minghand l-imputat biex lilu ma jkellmuhx. Fost dawn in-nies skond Bonnici kien hemm Charles Schembri, Mario, u xi foreman li nesa x’jishmu. Skond il-kuntrattur Bonnici, meta kien imur biex ikellem lill-imputat dan kien ihallih sieghat twal jistenna u lill-kuntratturi l-ohrajn ma kienx jaghmlilhom hekk u skond l-kuntrattur Bonnici meta kien qieghed jaghmel ix-xoghol is-Swatar l-imputat kien jaghmillu direzzjoni hazina tax-xoghol, umbaghad ikollu jerga jordom kollox u dan gara wara li kien talbu l-flus u hu ma tahomlux. Bonnici xehed ukoll illi min dakinhar tas-Swatar sa meta sar ix-xoghol urgenti f’San Pawl il-Bahar kien hemm xi zewg okkazzjonijiet ohrajn fejn kellu xoghol ma l-imputat, izda l-imputat ma kienx jigi hu, kien jibghat lil haddiehor u kien igieghelhom ifixkluh. F’dan l-istadju, Bonnici ipprometta li kien ser jaghti l-isem ta’ dawn il-persuni lill-Ispettur Saliba u cioe’ l-isem tan-nies illi skond Bonnici kienu jghidulu illi kien l-imputat illi kien jibghathom sabiex ifixkluh f’xogholu. Bonnici qal ukoll illi huwa qatt ma ta xi flus lil ebda kuntrattur jew Inginier, jew lil xi persuna ohra sabiex huwa jinghata direct orders.

Illi xehed Marco Bonnici, iben Carmelo Bonnici, kuntrattur illi jahdem ma missieru. Skond Mark Bonnici, meta kienu qeghdin isiru x-xogholijiet ix-Xemxija u San Pawl il-Bahar, l-imputat kien avicinah u kien qallu illi jekk ma kienx ser jaghtih xi haga tal-flus ma kienx ser jibqa jahdem hemm hekk. Huwa kien qal b’kollox lil missieru u kompla

jaghmel ix-xoghol. Izda umbaghad il-Hadd filghodu cempillu xi segretarju tal-Ministru sabiex jibdew ix-xoghol Bugibba fl-area maghrufa bhala ix-Xema u qallu wkoll illi jekk ma kellux trencher kellu jikri trencher minghand xi hadd. Kien rega' cempillu s-Segretarju tal-Ministru u hu kien qallu illi ghal trencher setghu jaqduh biss l-ghada filghodu, jigifieri t-Tnejn filghodu. Illi hawn hekk Bonnici kompla jixhed illi minn fuq it-telephone beda jisma lill-imputat li kien qieghed hdejn dan is-segretarju u s-segretarju qallu “Mela la ma tistax tibda illum insa kollox u taghmel xejn.” It-Tnejn filghodu mar Bugibba biex jiehu l-gaffa, kien hemm l-inginier Mark Mangion li qallu illi l-imputat ried jarresta lilu u lil missieru. Huwa ha l-gaffa u mar jaghmel xi xoghol iehor. Dakinhar stess hu u missieru marru jaghmlu rapport fil-Ministeru tal-Ambjent dwar l-imputat u sussegwentement kienu baghatu ghalihom il-pulizija.

Illi ftit wara fix-xhieda tieghu Mark Bonnici biddel ix-xhieda tieghu fis-sens illi l-ewwel qal illi ma kienx staqsa lil Mangion ghal fejn l-imputat ried jarresta lilu u lil missieru, izda umbaghad qal illi effettivament kien staqsa ghaliex l-imputat ried jarresta lilu u lil missieru. Marco Bonnici kompla jixhed illi l-imputat kien ihallihom jistennew meta kienu imorru l-ufficju biex ikellmuh, izda lill-kuntratturi ohrajn kien ihallihom jitilghu ikellmuh. Huwa xehed illi meta l-imputat talbu xi flus huwa ma staqsihx kemm ried flus, imma qallu biss illi kien ser jghid lil missieru. Ix-xhud ammetta illi jitkellem ma shabu il-kuntratturi, izda qal illi ma gietu l-ebda kurzita biex ikellem lil xi hadd minnhom wara li gralu dan l-allegat incident ma l-imputat u jistaqsihom jekk l-imputat kienx ukoll talabhom sabiex jghaddulu xi flus biex jaghtihom direct orders.

Illi xehdu diversi impjegati tad-Dipartiment tal-Ministeru koncernat fosthom Mark Mangion, l-Inginier mad-Drainage Department. Dwar ix-xoghol illi kien qieghed isir fuq main kbir ta' drenagg San il-Bahar u l-area jisimha tax-Xema, Mark Mangion xehed illi sabiex id-drenagg ma jibqax hiereg kellhom jitfu xi hames pumping stations u ghalhekk ix-xoghol illi kellu jsir kien ta' natura urgenti. Kellha tittiehed decizzjoni malajr u huwa kien sejjah lill-

kuntrattur Bonnici peress illi kien ghadu kif spicca xi xoghol mad-dipartiment l-Ghadira. Il-kuntrattur Bonnici gie fuq il-post u baqa issewwi sa tard bil-lejl, pero' t-tiswija li saret kienet wahda ta' natura temporanja. L-ghada regghu iltaqghu fuq il-post u gie fuq il-post ukoll id-Direttur Generali tax-Xogholijiet peress illi dak iz-zmien ir-Direttur tad-Drenagg kien imsiefer. Kellha tittiehed decizzjoni kif kienu ser isiru it-tiswijiet ta' natura permanenti. Huwa xehed illi f'hin minnhom baghat ghalih l-Ispettur David Saliba u fost affarijiet ohrajn staqsih jekk huwa kienx qal lill-kuntrattur Bonnici illi l-imputat ried jarrestah. Mark Mangion xehed illi huwa kien qal lill-Ispettur illi dawn il-kliem sa fejn jaf hu Vince Cilia ma kienx qalhom lill-kuntrattur. Sussegwentement Mark Mangion ftakar illi l-kuntrattur li kien gie fuq il-post kien certu Jimmy Vella, pero' dan ma kellux l-apparat mehtieg. Dan kien qabel ma tqabbad il-kuntrattur Bonnici. Dwar meta kien hemm id-Direttur Generali fuq il-post Mark Mangion xehed illi d-Direttur kien iddecieda illi issir "terminal by pass" u d-Direttur Generali kien hadha f'idejh u kien qabbad u cempel lil xi zewg kuntratturi, ma setghax jaqbadhom, umbaghad ittiehdet id-decizzjoni illi x-xoghol isir minn certu Mifsud. Id-decizzjoni kien hadha d-Direttur Generali. Il-kuntrattur li ha f'idejh ix-xoghol ta' natura permanenti kellu l-apparat kollu necessarju, mentri Bonnici kien qal illi sabiex jaghmel ix-xoghol kellu jikri trencher minghand xi haddiehor. Dwar l-imputat huwa xehed, kif ghamlu diversi impjegati ohrajn, kemm tad-dipartiment, kif ukoll tal-Ministeru, illi huwa bniedem efficjenti, jaf xogholu sew, huwa bniedem serju u qatt ma kellhom xi ilmenti dwaru. Huwa xehed ukoll illi qatt ma sema l-ebda kuntrattur jghid illi l-imputat kien talbu xi flus sabiex hu ikun jista jaghtih xi xoghol. Huwa cahad ukoll illi qatt qal lill-kuntrattur Bonnici illi dment illi l-imputat ikun involut f'xi xoghol huwa qatt ma kien ser jiehu xi kuntratt. Pero' umbaghad xehed illi ma setghax jeskludi illi fil-fatt qallu hekk.

Illi xehed Joseph Dalmas impjegat fil-Ministeru illi dwar il-fatt illi l-kuntrattur Bonnici flimkien ma ibnu kien gie u kien qallu illi skond hu l-imputat kien talbu xi flus sabiex ikun jista jaghmel xi xogholijiet. Is-Sur Dalmas xehed illi kien informa mal-ewwel lill-Assistent Personali tal-Ministru, is-

Sur Andre Vassallo Grant, illi kien sema l-istess diskors u kien irrefera l-kaz lill-Ministru li da parti tieghu kien cempel lill-Kummissarju tal-Pulizija u talbu sabiex jinvestiga. Is-Sur Dalmas xehed ukoll illi l-Hadd 15 ta' Lulju meta kienu qeghdin isiru t-tahdidied sabiex isir ix-xoghol in kwistjoni huwa kien Ghawdex il-festa ta' San Gorg u hemm hekk kien iltaqa ma l-imputat it-Tok, iltaqa mieghu fil-'march' ta' filghodu.

Illi xehed Charles Zammit impjegat fil-Ministeru u xehed dwar l-incident meta l-kuntrattur Bonnici u ibnu marru ghand is-Sur Joseph Dalmas sabiex jirrappurtaw lill-imputat. Is-Sur Zammit qal illi meta sema dawn l-affarijiet huwa inhasad. Kien ha xokk peress illi kien ilu jaf lill-imputat ghal zmien twil u dan il-bniedem ghandu l-esperjenza, huwa bniedem fdat u efficjenti ferm. Huwa xehed illi fiz-zmien kollu illi ilu jaf lill-imputat u cioe' madwar tletin sena qatt ma kien sema affarijiet simili dwaru. Is-Sur Zammit xehed ukoll illi precedentement kien qieghed Ghawdex fuq vaganza u allura fis-16 ta' Lulju ta' dik is-sena huwa ma setax ikun fl-ufficju tieghu fil-Ministeru.

Illi xehed il-Perit Anthony Abela, Direttur fid-Dipartiment tad-Drenagg, dwar ix-xoghol li kien qieghed isir f'San Pawl il-Bahar f'area maghrufa tax-Xema huwa xehed illi dak iz-zmien kien imsiefer u meta irritorna kien diga qieghed isir ix-xoghol ta' natura permanenti minn kuntrattur. Hu ma kellu xejn x'jaqsam ma din id-'direct order' peress illi kien ta' fuqu id-Direttur Generali illi kien ha din id-decizzjoni fl-assenza tieghu. Dwar l-imputat huwa xehed illi ilu jafu ghal ghoxrin sena, jafu bhala ragel serju u efficjenti hafna f'xogholu, qatt ma sema ilmenti dwaru u qatt ma gie l-ebda kuntrattur fuqu u qallu li per ezempju l-imputat kien talbu xi flus sabiex ikun jista jaghmel xi xoghol.

Illi sussegwentement rega' xehed Mark Mangion u qal fost affarijiet ohrajn illi huwa ma kellux ghalfejn isemmi lil Vince Cilia l-imputat mal-kuntrattur Bonnici dwar il-fatt illi x-xogholijiet hadhom haddiehor u dana peress illi x-xoghol iddecieda min kellu jaghmlu d-Direttur Generali. Hu

xehed illi ma setghax jghid lil kuntrattur Bonnici illi kien l-imputat li kien iddecieda li ma jaghtihx ix-xoghol in kwistjoni peress illi kien id-Direttur Generali li iddecieda lil min jinghata dan ix-xoghol u mhux l-imputat Vince Cilia.

Illi xehed id-Direttur Generali, Vincent Cassar, u qal illi kien mar fuq il-post fil-15 ta' Lulju 2001 wara li kien cempillu l-Ministru minn barra minn Malta, kien hemm fuq il-post l-Inginier Mark Mangion u spjegalu x'kien gara u huwa hass illi s-sitwazzjoni kienet preokkupanti ferm u x-xoghol illi kellu jsir kien ta' natura urgenti hafna. Matul dik il-gurnata is-Sur Cassar, id-Direttur Generali ghamel diversi tentattivi sabiex isib kuntrattur, izda il-kuntrattur instab l-ghada filghodu u dan kien il-kuntrattur E & S Mifsud illi kellu l-makkinarju kollu mehtieg u kien dispost illi jibda x-xoghol. Huwa xehed illi kellu jiehu r-responsabbilita fuq spallejh illi jaghti dan ix-xoghol permezz ta' 'direct order' minhabba l-urgenza illi kien hemm. Dwar ix-xoghol illi kien sar mill-kuntrattur Bonnici ta' natura temporanja huwa ma kienx sodisfatt peress illi l-problema ma kienitx issolviet. Is-Sur Cassar xehed illi kien jaf illi l-kuntrattur Bonnici ma kellux il-makkinarju adegwat, ried jikri trencher, pero' ghalih minhabba n-natura u l-urgenza tax-xoghol ma setghax joqghod jistenna sa kemm Bonnici jikri trencher minghand haddiehor. Is-Sur Cassar cahad illi qaghad fuq xi pariri ta' inginiera fl-ghazla tal-kuntratturi, huwa qal illi huwa kompetenti bizzejjed sabiex jaghzel kuntrattur hu u fil-fatt hekk sar f'dan il-kaz, bhalma isir f'kazijiet ohrajn. Dwar l-imputat, is-Sur Cassar xehed illi ilu jafu zmien twil u qatt ma kellu l-ebda ilmenti dwar l-imputat minn kuntratturi jew minn persuni ohrajn.

Illi rega' xehed Carmelo Bonnici il-kuntrattur dwar ix-xoghol illi kien ghamel is-Swatar u xehed illi ftakar illi kien xehed fil-Qorti illi ta' dan ix-xoghol kien ghadu ma thallasx. Effettivament huwa thallas, pero' thallas in parti. Dwar ix-xhieda tieghu fis-sens illi l-imputat kien jibghatlu xi nies biex ifixkluh f'xogholu huwa ikkonferma illi sal-gurnata tal-lum ghadu ma ghaddiex l-isem ta' dawn in-nies lill-Ispettur Saliba, pero' semma lil certu Zaren li ghandu l-laqam il-Qastnat u skond Bonnici dan ir-ragel kien jghidlu illi kien

baghatu l-imputat u dan ir-ragel kien gie aktar minn darba ifixxklu f'xogholu.  Bonnici xehed illi anke l-imputat ifixklu f'xogholu ghaliex l-ewwel jaghtih direzzjoni mod u wara li iqatta jkun kollu ghalxejn ghaliex jaghtih direzzjoni ohra. Huwa xehed ma dana kollu illi jaf illi Zaren kien jigi fuq xogholu u jghidlu kemm ghandu jinzel per ezempju, jew minn fejn irid jghaddi.  Bonnici xehed illi huwa dawn l-affarijiet kien ikun jafhom kollha u ghalhekk kien jiehu dan l-agir ta' Zaren bhala tfixkil.  Huwa xehed illi s-Swatar mhuwiex minnu li ghamel xoghol hazin kif qal l-imputat u l-imputat qal hekk ghaliex f'dik l-okkazzjoni kien talbu l-flus qabel bdewh ix-xoghol u kien jirrakkattah f'certu postijiet tax-xoghol u jibghatlu risposti mat-tifel tieghu.  Ghalih, ghal Bonnici, huwa rikatt illi l-imputat jitolbu l-flus u din il-haga l-imputat ghamilha diversi drabi (fol 96 tal-process). Mistoqsi ghalfejn ma kienx jirrapporta dawn l-affarijiet lill-pulizija huwa xehed illi f'certi postijiet jiltaqa ma nies li jitolbuh il-flus pero' l-izjed li talbuh huma dawn tad-drenagg u ma jixtieqx isemmi lil dawn in-nies u irrapporta biss lill-imputat.  Bonnici cahad illi qatt mar jaghmel xi xenata fl-ufficju tal-imputat.  Huwa xehed ukoll illi huwa irrapporta persuna ohra dwar korruzzjoni.  Dwar ix-xoghol tas-Swatar huwa qal illi ghadu ma thallasx l-ammont kollu ghaliex il-file tieghu huwa mitluf.

Illi xehed l-imputat fuq imsemmi minn jeddu u bil-gurament u dwar ix-xoghol illi semma Bonnici tas-Swatar huwa xehed illi kien ghamel l-arrangamenti kollha biex is-Sur Bonnici jibda dan ix-xoghol, pero' kien iltaqa ma problema fis-sens illi meta mar jaghti il-linja, l-ghada irceva ittra ufficjali fejn mara miz-Zejtun kienet oggezzjonat illi jghaddilha mill-proprjeta taghha.  Huwa kien mar ikellimha u irnexxielu jipperswadiha, mar Bonnici bil-gaffa u fetah il-passagg li kien urih minn qabel u kien ser jibda x-xoghol, izda gie fuqu, jigifieri fuq l-imputat, l-Perit Zammit u qallu illi hemm hekk kellu xi raba u staqsih jekk kienx isib oggezzjoni illi minflok jghaddi minn fejn kien diga fetah jghaddi minn triq ohra.  L-imputat qallu biex jikteb lid-Direttur, id-Direttur ma oggezzjonax u kien ghalhekk illi l-imputat biddel il-linja.  Il-Perit Zammit kien hallas minn butu ta' dan ix-xoghol "extra" li kien sar u kien hallas direttament lill-kuntrattur Bonnici.  Meta kien

qieghed isir ix-xoghol, l-imputat kien innota illi t-trinka li kien ghamel Bonnici kienet dejqa, fis-sens illi katusa shiha ma kienitx toqghod fiha u ghalhekk kellu jibghat lil Nazzareno Darmanin illi semma l-kuntrattur Bonnici fix-xhieda tieghu sabiex jigbed l-attenzjoni tal-kuntrattur Bonnici ghal dan il-fatt u Bonnici qal illi dan kien imur itelfu. L-imputat xehed illi anke l-Perit Zammit kien gibidlu l-attenzjoni ghall-fatt illi x-xoghol illi kien sar minn Bonnici ma kienx "up to standard". Illi dwar il-fatt illi Bonnici ilmenta illi l-imputat kien ihallih jistenna fil-"waiting room" l-imputat qal illi Bonnici kellu habta jaqbad u jidhol fuqek, jiehu l-kunfidenza ma l-impjegati, jidhol fid-"drawing room" fejn kien hemm "tenders" u files kunfidenzjali u huwa kien ta struzzjoni sabiex in-nies tieghu ma jhallux kuntratturi fid-"drawing room". L-imputat xehed ukoll dwar meta kien irrapporta lill-kuntrattur Bonnici li ma kienx qieghed jaghmel ix-xoghol sew, Bonnici gie u ghamillu xenata shiha fl-ufficju tieghu tant illi kellhom anke jissejjhu l-pulizija. Huwa kien tkellem mas-superjuri tieghu u eventwalment ma kienx ipproceda kontra Bonnici. Sussegwentement kien hemm xoghol in-Naxxar u huwa kien wera lill-kuntrattur Bonnici x'kellu jaghmel, tah direzzjoni u rega baghat lil Nazzareno Darmanin sabiex jara kif kien qieghed isir ix-xoghol. Jidher illi l-kuntrattur Bonnici ma segwiex id-direzzjoni li kien tah l-imputat. L-imputat tela mal-Perit Balzan fuq il-post u x'hin kellem lill-kuntrattur Bonnici dan beda jissuppervja. Il-kuntrattur Bonnici ghamel dak li ried hu pero' xorta kien thallas tax-xoghol. L-imputat semma okkazzjonijiet ohrajn bhax-xoghol illi kellu jsir is-Siggiewi mill-kuntrattur Bonnici fejn il-kuntrattur Bonnici ma bediex ix-xoghol meta suppost, izda bdih xhur wara u dan biex skond hu juri illi l-kuntrattur Bonnici jaghmel dak illi jrid hu. Dwar ix-xoghol illi kien qieghed isir San Pawl il-Bahar l-imputat xehed illi ghall-ewwel huwa kien gab fuq il-post lill-kuntrattur Jimmy Vella illi ma kellux J C B kif suppost u Mangion kien insista li kien ser icempel lill-kuntrattur Bonnici u effettivament gie il-kuntrattur Bonnici fuq il-post, saret il-hofra u beda x-xoghol. L-imputat xehed illi kien ilu ma jkellem lill-kuntrattur Carmelo Bonnici minn meta kien sar ix-xoghol tas-Siggiewi. Dan kien is-Sibt, l-ghada kien il-Hadd u l-imputat kellu l-"birthday" u fil-fatt ma dahalx xoghol, imma

mar Ghawdex fejn iltaqa ma Joseph Dalmas fil-pjazza tat-Tok fejn kien hemm il-festa ta’ San Gorg. L-ghada t-Tnejn filghodu ma kienx jaf x’gara l-Hadd. Huwa mar San Pawl il-Bahar kmieni filghodu u sab it-“trencher” u l-kuntrattur E & S Mifsud li kien qieghed diga fuq il-post. Ghall-habta tal-ghaxra neqsin kwart ta’ filghodu ra lil Mangion u lit-tifel tieghu gejjin mid-direzzjoni l-ohra tat-triq u hu u ghaddej il-kuntrattur Bonnici donnu li kien qieghed jitkellem ma Mangion u lilu jigifieri lill-imputat qallu “Issa inqeghdek jiena.” Hu baqa’ sejjer bix-xoghol tieghu, qisu ma gara xejn. Sussegwentement ghall-habta tas-sebgha ta’ filghaxija irritorna fuq il-post il-kuntrattur Bonnici u qallu illi l-Ispettur David Saliba ried ikellmu. Qallu “Mur ghax jiena ghamilt hafna sieghat hemm hekk inkellem lill-Ispettur Saliba.” L-imputat xehed illi tard dakinhar stess huwa mar ikellem lill-Ispettur Saliba u eventwalment irrilaxxalu wkoll stqarrija. Huwa xehed illi cahad dakinhar u qed jichad illum illi xi darba qatt talab xi flus lil xi hadd sabiex ikunu jistghu jiehdu xi xoghol. Kien sar konfront mal-kuntrattur Bonnici fil-prezenza ta’ l-Ispettur Saliba u dak il-hin l-imputat kien qal lill-Ispettur illi xtaq ikun assistit minn Avukat difensur peress illi kien diga kellu hafna battibekki mal-kuntrattur Bonnici. Pero’ l-Ispettur Saliba qallu “Le ma tistax” u hallih arrestat sbatax il-siegha fil-lock up.

Illi xehed ukoll is-Sur Joseph Spiteri, id-Direttur tal-kuntratti, illi fost affarijiet ohrajn xehed illi wara diversi spezzjonijiet illi kienu ghamlu kienu qeghdin jinnotaw illi l-offerti li kienu qeghdin jintefghu ghal xoghol ta’ drenagg kienu dejjem qeghdin isiru mill-istess nies, fosthom il-kuntrattur Bonnici. Huwa kien baghat ghal Periti Balzan u Cassar u jaf li kienu ittiehdu xi passi dixxiplinari fil-konfront ta’ wiehed minn dawn il-periti.

Illi xehed ukoll il-Perit Ian Zammit dwar ix-xoghol li kien sar mill-Kuntrattur Bonnici u xehed illi spicca kellu jhallas lill-kuntrattur Bonnici tax-xoghol addizzjonali li kien ghamel il-kuntrattur Bonnici peress illi t-trinka li kien ghamel Bonnici kienet daqsxejn itwal.

Illi fl-istadju tal-provi tad-difiza u precizament fit-30 ta’ Gunju 2003 il-kwerelant Carmelo Bonnici ipprezenta rikors

fejn talab illi f'dan l-istadju il-Qorti kellha tisma lil certu Charles Schembri, Francis D'Amato u William Delanciza u l-Qorti eccezzjonalment laqghet din it-talba ghall-fini tal-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja.

Illi pero' qabel ma xehdu dawn il-persuni xehed fit-tul l-Ispettur Carmelo Bartolo fis-sens illi kien investiga lill-kuntrattur Carmelo Bonnici dwar allegazzjonijiet ta' korruzzjoni u fil-fatt hemm kawza pendenti kontra Bonnici fil-Qorti fejn l-imputat jinsab akkuzat b'korruzzjoni ta' ufficjal pubbliku u f'din il-kawza l-imputat odjern ma issemma bl-ebda mod.

Illi l-Ispettur Bartolo esebixxa l-istqarrija li irrilaxxja Carmel Bonnici f'din il-kawza fejn inter alia jirrizulta illi Carmelo Bonnici kien irrilaxxja zewg cheques lill-Inginier Mark Mangion. Giet esebita stqarrija ohra ta' l-istess Carmelo Bonnici, ic-cheques huma indirizzati lil Marlene Mangion, mart l-Inginier Mark Mangion, huma ta' mitejn lira il-wiehed u Bonnici fl-istqarrija tieghu qal lill-pulizija illi dawn ic-cheques kien talabhomlu l-istess Inginier Mark Mangion u dana sabiex ikun jista jaghtih ix-xoghol. Bonnici qal fl-istqarrija tieghu illi meta kiteb c-cheque ta' mitejn lira Mangion kien qallu "Ghaliex ma taghmilulhiex ta' hames mitt lira." Kien inqala xoghol iehor il-Fgura. Mangion kien qabbad lilu sabiex jaghmel dan ix-xoghol u waqt li kien qieghed jahdem hemm hekk Mangion rega' mar fuqu u rega' talbu l-flus. Kien mar anke wara l-bieb ta' daru, rega' talbu l-flus u kien ghalhekk li kien rega' kitiblu cheque ta' mitejn lira. Bonnici semma x-xoghol ta' San Pawl il-Bahar, fejn skond hu gie imwaqqaf minn dak ix-xoghol, hass illi kellu jmur il-Ministeru u ghamel rapport fuq Vince Cilia. Pero' dakinhar il-pulizija ma kienx qalilhom dwar il-flus li kien allegatament hallas lill-Inginier Mark Mangion. Kien iddecieda li ma jitkellimx, mhux ghaliex kellu x'jahbi imma ghaliex hekk hass li ma kellux jitkellem. Bonnici qal lill-pulizija fl-istqarrija tieghu illi tax-xoghol tal-Fgura baqa' ma thallasx u jahseb li gara hekk peress illi ma tax aktar flus lill-Inginier Mark Mangion. Kien ghalhekk illi mar jigbor kopja tac-cheque li kien hareg lil Mark Mangion, ha dawn ic-cheques lill-Avukat difensur tieghu Dr Anglu Farrugia u kien mar ikellem ukoll lil Perit

Charles Buhagiar tal-Malta Labour Party u kien tah kopja ta’ cheque wiehed biss. Huwa qal fl-istqarrija tieghu li qatt ma talab xoghol lil Mark Mangion, Mark Mangion kien jaghtih ix-xoghol minn jeddu umbaghad wara jigi jitolbu l-flus ta’ dan. Minflok kien imur ghand il-pulizija huwa kien icedi u jaghtih il-flus. Fil-Milied kien baghatlu dundjan ma ibnu u Mark Mangion kien qal lil ibnu “Minflok dundjan imissu baghatli xi flus.

Illi xehed Charles Schembri, prodott mid-difiza, illi jahdem fid-dipartiment tad-Drenagg bhala Senior Technical Officer. Huwa xehed illi sa fejn jaf hu qatt ma jaf illi l-imputat qatt waqqaf lill-kuntrattur Bonnici milli jiehu xi xoghol, jiehu xi tender, jew qatt fixxklu f’xogholu. Hu qal illi l-imputat qatt ma tah struzzjonijiet illi kellu ifixkel lill-kuntrattur Bonnici f’xogholu. Ix-xhud ftakar ukoll illi darba kien sema ilhna gholjin gejjin mill-ufficju tal-imputat fejn kien hemm ukoll il-kuntrattur Bonnici. Pero’ huwa ma jafx ezattament x’kien gara dakinhar.

Illi xehed Emanuel Casengena illi kien il-persuna illi kellu jixhed minflok il-persuna indikata bhala ‘Delanciza’ u qal illi xogholu hu ta’ draftsman fid-dipartiment tad-drenagg. Huwa xehed illi jaf lill-kuntrattur Bonnici u lit-tifel tieghu u gieli jigu l-ufficju taghhom fuq xogholijiet. Huwa kompla jixhed illi l-imputat qatt ma tah struzzjonijiet biex ma jaqdix lill-kuntrattur Bonnici. Huwa ftakar ukoll illi xi tlieta, erba snin qabel l-imputat kien tah struzzjonijiet biex ma jhallix kuntratturi jigru fl-ufficju tieghu fejn kien ikun hemm dokumenti ta’ natura konfidenzjali. Pero’ din l-istruzzjoni kienet harget fil-konfront tal-kuntratturi kollha u mhux biss fil-konfront tat-tifel tal-kuntrattur Bonnici, Marco Bonnici.

Illi xehed Francis Damato ukoll prodott mid-difiza, Works Technical Officer mad-Dipartiment tad-Drenagg. Huwa xehed illi l-imputat kien jibghatu fuq xoghol fejn kien involut ukoll il-kuntrattur Bonnici. Kien baghatu s-Siggiewi, B’Kara. Pero’ cahad illi l-imputat qatt qallu xi kliem fis-sens illi ma kellux jaqdi lill-kuntrattur Bonnici, jew ma kellux jaghtih xoghol jew ifixlu f’xogholu. Huwa xehed illi l-kuntrattur Bonnici u t-tifel tieghu gieli qalulu xi kliem fis-sens illi l-imputat ma kienx qieghed jimxi sew

maghhom.  Ix-xhud kien mar San Pawl il-Bahar fejn kien qieghed isir ix-xoghol.  L-imputat kien qallu biex jaghti l-linja, kien resaq lejh il-kuntrattur Bonnici u huwa kien qallu li ma setghax ikellmu ghaliex kellu struzzjonijiet minghand l-imputat li ma kellux ikellem lilu.  Dakinhar ix-xhud kien obda dawn l-istruzzjonijiet peress illi kien hemm zewg kuntratturi fuq il-post u huwa ma kienx jaf min minnhom kien ser jaghmel ix-xoghol.  Pero' umbaghad ra illi l-kuntrattur l-iehor ghamel ix-xoghol u mhux lil Bonnici.  L-imputat kien tah struzzjonijiet biex ma jkellimx lill-kuntrattur Bonnici lanqas meta jkun xoghol fl-ufficju tieghu.  Din l-ordni kienet tapplika kemm ghall-missier, jigifieri Carmelo Bonnici, kif ukoll ghal ibnu u din l-ordni l-imputat kien tahielu fis-sena 2001.  Ix-xhud ftakar l-incident meta l-kuntrattur Bonnici kien tela l-ufficju ta' Vincent Cilia, kien inqala incident u kienu gew ukoll il-pulizija.  Huwa ammetta wkoll illi meta l-imputat gieli baghatu biex jaghmel "supervision" fuq il-kuntrattur Bonnici huwa kien jghid lill-imputat "Ghalfejn ser tibghatni, meta jiena lil dak, (jigifieri lill-kuntrattur Bonnici) qatt ma insibu?"  Huwa xehed ukoll illi meta kien isib lill-kuntrattur Bonnici dan kien jghidlu "Ghalfejn baghatek l-imputat, baghatek biex tispijani" u huwa kien jghidlu "Mhux fuqek biss jibghatni, imma fuq hafna nies."

Illi wara li l-Qorti ezaminat l-provi kollha trid issa tara jekk gewx ippruvati l-akkuzi imressqa mill-Prosekuzzjoni fil-konfront ta' l-imputat u cioe' dawk illi l-imputat bhala impjegat tal-Gvern u minghajr jedd, izda taht il-libsa tal-kariga tieghu eziga dak illi l-Ligi ma tippermettix, jew eziga izjed minn dak li tippermetti l-Ligi, jew qabel iz-zmien li jmiss skond il-Ligi u trid tara wkoll jekk l-imputat ikkommettix estorzjoni fuq il-kuntrattur Bonnici u / jew ibnu Marco Bonnici.

Ikkunsidrat  :

Illi l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova illi l-imputat fuq imsemmi huwa ufficjal pubbliku u dana minn xhieda illi inghatat minn Walter Attard a fol. 62 tal-process.  Illi jonqos issa sabiex il-Qorti tara jekk giex ippruvat illi l-imputat talab xi pjaciri bhal flus jew affarijiet ohrajn

minghand persuni billi inqeda bil-funzjoni pubblika tieghu u / jew jekk ikkommettiex estorzjoni fil-konfront tal-kuntrattur Bonnici u jew ibnu Marco Bonnici.

Illi x-xhieda imressqa mill-Prosekuzzjoni f'dan is-sens kienet biss dik moghtija mill-Kuntrattur Carmelo Bonnici u minn ibnu Marco Bonnici u bazikament hija l-kelma ta' dawn it-tnejn minn nies kontra dik tal-imputat. Apparti wkoll umbaghad xhieda u fatti ohrajn illi jistghu jikkolloboraw o meno din ix-xhieda jew jitghu dawl fuqha.

Illi in rikapitulazzjoni il-kuntrattur Carmelo Bonnici meta xehed f'dawn il-proceduri qal illi mhux darba izda hafna drabi ohrajn Vincent Cilia lilu kien talbu l-flus. Anke files ghandu mitlufin fid-dipartiment (fol 36 tal-process). Skond il-kuntrattur Bonnici meta kien qieghed isir ix-xoghol tas-Swatar l-imputat kien avvicinah u talbu jaghtih il-flus. "Kien gie l-imputat jaghmel il-livelli s-Swatar u qalli x'gibtli." Skond il-kuntrattur Bonnici qallu "Issa ingiblek zewg flixken whisky" u l-imputat qallu "Jiena mhux flixkun whisky irrid, gibli xi hames mitt lira flus in kontanti." Izda hu dawn il-flus qatt ma tahomlu u minkejja l-fatt illi ghaddew tlett snin qatt ma kien irrapporta lill-imputat lill-pulizija. A fol. 37 tal-process il-kuntrattur Bonnici xehed illi darba biss kien talbu flus l-imputat u mhux diversi drabi, kif kien ghadu kif xehed ftit tal-hin biss qabel. Din hija l-ewwel inezattezza fix-xhieda tas-Sur Bonnici. L-ewwel jghid illi l-imputat talbu l-flus diversi drabi, umbaghad jghid illi kienet darba wahda biss is-Swatar meta talbu hames mitt lira. Issa mill-istess stqarrija ta' l-imputat jirrizulta illi l-Ispettur David Saliba kien qal lill-imputat illi skond Carmelo Bonnici kien hemm zewg okkazzjonijiet fejn l-imputat avvicina lill-Bonnici u talbu il-flus, fl-okkazzjoni tas-Swatar u l-okkazzjoni l-ohra fejn kien qieghed isir ix-xoghol in-Naxxar. L-imputat fl-istqarrija tieghu dwar ix-xoghol tas-Swatar kien qal illi x-xoghol kien inghata lil Bonnici wara li kien hemm sejha ghall-offerti u cioe' b'tender u Bonnici kien rebah din it-tender u dan kien madwar tlett snin qabel dan l-incident. L-imputat fl-istqarrija tieghu ta' l-istess verzjoni dwar ix-xoghol tas-Swatar kif ta meta xehed f'dawn il-proceduri, preciz ezatt u spjega dwar kif il-Perit kien avvicinah u li kien talbu biex

jiehu direzzjoni ohra u kien lest li ihallas ta’ l-ispejjez zejda li kienu involuti u fil-fatt dan il-Perit tela jixhed ukoll f’dawn il-proceduri u ikkollabora bis-shih u totalment ix-xhieda illi ta’ l-imputat fil-Qorti, kif ukoll il-verzjoni illi l-imputat ta lill-pulizija a tempo vergine meta irrilaxxja l-istqarrija tieghu. Dwar dan ix-xoghol tas-Swatar l-imputat fl-istqarrija qal illi x-xoghol ma sarx “up to standard”, liema fatt huwa ukoll kollaborat mill-Perit illi xehed f’dawn il-proceduri. Jigifieri l-imputat hawn hekk baqa konsistenti ferm fix-xhieda tieghu u gie ukoll kolloborat mill-Perit. L-imputat kemm meta irrilaxxja l-istqarrija tieghu kif ukoll meta xehed f’dawn il-proceduri cahad kategorikament illi f’dik l-okkazzjoni kien talab lil Bonnici hames mitt lira flus, jew xi ammont iehor ta’ flus. L-Ispettur Saliba staqsa lill-imputat jekk kienx hemm okkazzjoni ohra fin-Naxxar meta wkoll kien talab xi flus lill-kuntrattur Bonnici (fol. 29 tal-process). Illi fil-fatt jekk kien il-kuntrattur Bonnici illi ta din l-informazzjoni lill-Ispettur Saliba, pero’ dwar dan il-kuntrattur Bonnici ma qal xejn f’dan il-proceduri u l-imputat da parti tieghu cahad kategorikament illi talab lill-kuntrattur Bonnici biex jaghtih xi flus dwar xi xoghol li kien sar in-Naxxar jew x’imkien iehor.

Illi finalment l-ahhar allegazzjoni maghmula mill-kuntrattur Bonnici kienet fis-sens illi l-imputat kien avvicina lil Marco Bonnici, iben l-kuntrattur Bonnici nhar is-Sibt f’San Pawl il-Bahar u talbu l-flus sabiex hu u missieru jkunu jistghu jinghataw aktar kuntratti u aktar xoghol. L-imputat meta irrilaxxja l-istqarrija tieghu cahad kategorikament illi huwa kien ghamel dan. Dwar ix-xoghol ta’ San Pawl il-Bahar, l-imputat xehed illi huwa kien prezenti fuq il-lant tax-xoghol il-Gimgha u s-Sibt, il-Hadd ma kienx hemm hekk, rega’ mar it-Tnejn filghodu u hemm hekk sab kuntrattur iehor, E & S Mifsud, li huwa qatt ma kien ghamel kuntatt mieghu biex jaghmel ix-xoghol permanenti. L-imputat qal, u dan a tempo vergine meta irrilaxxja l-istqarrija tieghu lill-pulizija, illi t-Tnejn filghodu il-kuntrattur Bonnici kien ghadda minn quddiemu ma l-Inginier Mark Mangion u kien ghadda xi rimarka fil-konfront tieghu li huwa ma kienx fehmha. Huwa qal fl-istqarrija tieghu, kif dejjem sostna wkoll matul dawn il-proceduri, illi huwa qatt ma kellu xi “say” f’min kellu jiehu xi “direct orders”. A tempo vergine, kif ukoll

meta xehed f'dawn il-proceduri l-imputat xehed illi lill-kuntrattur Bonnici meta jinghata xogholijiet ma jzommx maz-zmien specifiku li jinghata ghal kull kuntratt u hafna drabi dan b'tul ezagerat li jimmerita penali kif titlob il-Ligi u ghalhekk huwa jhoss illi certu xoghol ma ghandux jinghata lilu, izda huwa bl-ebda mod ma kien involut fl-ghazla tal-kuntrattur illi eventwalment ghamel ix-xogholijiet ta' San Pawl il-Bahar.

Illi dwar l-imputat l-Qorti kellha l-opportunita illi tarah jixhed u tezamina l-komportament tieghu fuq il-pedana tax-xhieda.  Huwa xehed b'mod konsistenti ferm, bla tlaqliq u minghajr tahwid.

Illi l-istess ma jistax jinghad ghal Carmelo Bonnici, illi deher daqsxejn skomdu fuq il-pedana tax-xhieda, jinfixghel, jithawwad u inqabad jigdeb diversi drabi fix-xhieda tieghu.

Illi l-istess Spettur David Saliba xehed illi meta l-imputat kien qieghed jirrilaxxja l-istqarrija tieghu huwa ma iddejjaq xejn iwiegeb ghall-ebda domanda li saritlu, kien konsistenti fir-risposti illi beda jaghti u dana anke meta l-Ispettur stess xehed illi beda jaghmillu domanda mod jistenna certa zmien jghaddi, jerga jaghmilhielu b'mod differenti u l-imputat baqa dejjem konsistenti f'kull twegiba illi ta lill-Ispettur Saliba u dejjem wiegeb b'mod onest.

Illi meta xehed Marco Bonnici f'dawn il-proceduri qal illi l-imputat kien talbu sabiex igiblu xi flus minghand missieru, Marco Bonnici pero' xehed illi ma staqsiex lill-imputat kemm ried flus.  Xehed ukoll Carmelo Bonnici fis-sens illi ma marx jiffaccja lill-imputat minkejja il-fatt illi dan skond ibnu Marco Bonnici kien ghamillu talba certament mhix f'lokha.  Illi dan kollu m'huwiex kredibbli u ma jistax jigi emmnut mill-Qorti.

Illi Carmelo Bonnici xehed ukoll illi minkejja l-fatt illi skond hu l-imputat kien talbu l-flus tlett snin qabel meta kien qed jaghmel xi xogholijiet is-Swatar huwa ma kienx mar jirrappurtah lill-pulizija.    Dan ukoll ma ghandux mis-sewwa u mhuwiex kredibbli.

Illi huwa rilevanti ferm ukoll il-fatt illi Carmelo Bonnici xehed f'dawn il-proceduri illi huwa qatt ma kien ta xi flus lil xi impjegati ohrajn tad-dipartiment tad-drenagg sabiex jaghtuh xi xoghol jew ghaliex ikunu tawh xoghol, mentri fil-fatt ghandna provi f'dan il-process, stqarrija ta' l-istess Carmelo Bonnici illi huwa kien ta LM 400 lill-impjegat iehor fid-dipartiment tad-Drenagg u dana peress illi dan l-impjegat kien ghaddhielu xi xogholijiet, dejjem skond kif qal Carmelo Bonnici fl-istqarrija li irrilaxxja lill-Ispettur Bartolo, liema stqarrija tinsab esebita f'dawn il-proceduri. Anke hawn hekk l-imputat inqabad jigdeb u certament huwa inkonsistenti fix-xhieda tieghu u l-Qorti ma tistax tqisu bhala xhud kredibbli.

Illi wkoll meta l-kuntrattur Bonnici xehed illi huwa jinghatax xogholijiet u dana skond hu kollu tort ta' l-imputat odjern dan ma jidher li huwa minnu xejn ghaliex xehedu impjegati u precizament id-Direttur tal-Kuntratti Joseph Spiteri a fol. 124 u 125 tal-process fis-sens illi huwa u shabu kienu innotaw illi l-offerti li jkunu qeghdin jintefghu ghal xi xoghol tad-drenagg kienu jkunu dejjem qeghdin isiru mill-istess nies fosthom is-Sur Bonnici u kien ghalhekk illi kienu gew investigati zewg periti u ittiehdu passi dixxiplinari fil-konfront ta' wiehed minn dawn iz-zewg periti.  Jigifieri altru che illi il-kuntrattur Bonnici ma kienx qieghed jinghata xoghol!

Illi gie ippruvat ukoll mill-provi prodotti illi ma kien veru xejn meta l-kuntrattur Bonnici xehed illi huwa ma thallasx tax-xoghol tas-Swatar ghaliex huwa fil-fatt thallas in parte u mhux ma thallas xejn.  Illi l-fatt illi ghandu l-file mitluf huwa ma gab l-ebda prova illi kien l-imputat illi tiliflu l-file tieghu, anzi tressqet il-prova minn xhud indipendenti mill-imputat illi x-xoghol illi kien sar is-Swatar ma kienx sar "up to standard" mill-kuntrattur Bonnici.

Illi minkejja l-fatt illi l-kuntrattur Bonnici kien wahhal fl-imputat illi ma inghatax ix-xoghol ta' San Pawl il-Bahar xehed id-Direttur Generali f'dawn il-proceduri u qal illi d-decizzjoni hadha hu wahdu, kien hemm prezenti l-Inginier Mark Mangion, (l-imputat ma kienx prezenti dakinhar illi

ittiehdet id-decizzjoni) u qal illi huwa ha r-responsabbilita fuq spaltu peress illi x-xoghol kien ta' emergenza kbira, "time was of the essence" u xehed ukoll illi huwa ried kuntrattur illi kellu l-"equipment" kollu u mhux bhal kuntrattur Bonnici illi kellu joqghod jaghmel "sub-contracting" biex igib "trencher".

Illi irrizulta car mill-provi kollha li gew prodotti illi l-imputat mhuwiex responsabbli sabiex johrog direct orders. Certament fil-kaz ta' San il-Bahar kien id-Direttur Generali illi ha d-decizzjoni u dana skond ix-xhieda ta' l-istess Direttur Generali.

Illi wkoll dakinhar illi meta suppost il-Hadd iben il-kuntrattur Bonnici sema lill-imputat jitkellem mas-Segretarju tal-Ministru dan ma setghax ikun ghaliex dakinhar l-imputat kien qieghed Ghawdex, skond kif xehed Joseph Dalmas li kien qieghed it-Tok fil-festa ta' San Gorg.

Illi l-kuntrattur Bonnici l-ewwel xehed illi kien ser iressaq diversi nies sabiex jixhdu fis-sens illi l-imputat kien ifixxklu f'xogholu u ma kienx jaghtih xoghol, telghu t-tlett persuni illi semma l-istess kuntrattur Bonnici, minkejja li fl-istadju tal-provi tad-difiza u dawn ma qalu xejn minn dan kollu izda xehdu biss illi l-imputat kien jibghathom jaghmlu xogholhom sabiex jaraw jekk il-kuntrattur Bonnici kienx qieghed jaghmel xogholu sew u isegwi l-linja li kien tah hu u dana kif kienu jaghmlu anke ma kuntratturi ohrajn. Dawn il-persuni xehedu illi meta kien jarahom il-kuntrattur Bonnici kien jghidilhom illi l-imputat jibghathom fuqu biss. Huma kienu jghidulu li mhux veru ghaliex huwa kien jibghathom fuq diversi kuntratturi ohrajn u l-kuntrattur Bonnici kien jghidilhom ukoll illi huma qeghdin ifixxkluh f'xogholu, mentri dan kien xogholhom u l-kuntrattur Bonnici ma kellu l-ebda dritt jghid illi qeghdin imorru hemm hekk biex iffixkluh meta dawn kienu qeghdin imorru jaghmlu xogholhom.

Illi gie ippruvat ukoll illi kien hemm okkazzjoni fejn il-kuntrattur Bonnici tela l-ufficju tal-imputat, ghamel xenata

shiha u kellhom ukoll issejjhu l-pulizija. Dan il-fatt gie ippruvat minn diversi xhieda.

Illi punt importanti iehor kien meta Mark Bonnici xehed illi l-Inginier Mark Mangion kien qallu illi l-imputat ried jarresta lilu u lill-missieru u fuq domanda tal-Qorti jekk kienx staqsih ghalfejn l-imputat ried jarrestah Marco Bonnici wiegeb li ma kienx staqsih. Illi hawn hekk ukoll mhuwiex kredibbli illi xi hadd jghidlek illi persuna ser tibghat lill-pulizija biex jarrestawh u inti ma tistaqsix ghalfejn il-pulizija ser jigu jarrestawk fuq talba ta' din il-persuna. Illi wkoll l-inginier Mark Mangion cahad kategorikament illi huwa kien qal lil Marco Bonnici illi l-imputat ried jarrestah. Jigifieri anke hawn hekk Marco Bonnici inqabad jigdeb u ghaldaqstant huwa wkoll xhud mhux kredibbli bhal missieru Carmelo Bonnici.

Illi Mark Mangion ikkontradixxa lill-istess kuntrattur Bonnici meta xehed illi ma kien minnu xejn illi kien informa lill-kuntrattur Carmelo Bonnici illi kien Vince Cilia li ma riedux jaghmel ix-xoghol ta' San Pawl il-Bahar. Anzi a fol 77 tal-process Mangion xehed illi ma kellux ghalfejn isemmi lill-imputat ghaliex min jiddeciedi lil min kellu jaghti dan ix-xoghol kien id-Direttur Generali u mhux l-imputat u dana xehdu wkoll l-istess Perit Cassar, id-Direttur Generali.

Illi l-istess Perit Cassar, xehed illi ma kienx sodisfatt bix-xoghol illi kien ghamel il-kuntrattur Bonnici f'San Pawl il-Bahar.

Illi punt importanti iehor huwa illi l-impjegati tad-Dipartiment tal-Ministeru responsabbli mid-Dipartiment tad-Drenagg fiz-zmien in kwistjoni, kif ukoll id-Direttur Generali ta' dak iz-zmien kollha xehdu illi l-imputat huwa bniedem serju hafna, ta' esperjenza kbira f'xogholu, bniedem affidabbli u qatt ma semghu xi ilmenti dwaru.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet kollha kif ukoll ghar-raguni illi l-imputat dejjem kien kredibbli u konsistenti fil-verzjoni illi ta sa mill-bidu nett meta kien qieghed jigi investigat mill-pulizija u irrilaxxja l-istqarrija tieghu, kif ukoll matul ix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri gie ukoll kolloborat

b'diversi dettalji importanti, kif issemma aktar 'il fuq f'dan il-gudikat, il-Qorti sejra tiehu ix-xhieda tieghu bhala kredibbli u sejra tiskarta kompletament il-verzjoni tal-kuntrattur Bonnici u ta' ibnu Marco Bonnici.

Illi effettivament jaghmel hafna sens dak illi qal l-Avukat Difensur illi huwa totalment inutili u bla sens illi bniedem jitlob il-flus ghal xi haga li ma jistax jaghmel u cioe' li jaghti "direct order", meta kif irrizulta mill-provi l-imputat ma setgha qatt jaghti "direct orders" lil hadd.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija l-Qorti filwaqt illi tiddikjara li l-Prosekuzzjoni ma irnexxielhix tipprova l-imputazzjonjiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi, tiddikjara l-istess imputat bhala mhux hati ta' dawn l-imputazzjonijiet kollha u qeghda tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------